MALTA
Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2013

Avviz Numru. 35/2012

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

**Freightzone (Malta) Logistics Limited**

**Vs**

**Light Projects Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat mis-socjetà Freightzone (Malta) Logistics Limited fil-25 ta' Jannar 2012, permezz ta' liema titlob li s-socjetà Light Projects Limited tigi ikkundannata thallasha s-somma ta' ghaxart elef u mitejn u disgha u disghin Euro u hamsa u hamsin centezmu (€10,299.55), bilanc minn somma akbar, rapprezentanti prezz ta' servizzi ta' *freight, freight forwarding* u servizzi relatati ma' l-istess, minn rezi fuq struzzjonijiet ta' Light Projects Limited. BL-imghax legali dekoribbli sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjez, inkluz tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju pprezentat kontestwalment mar-Rikors promotur, kontra s-socjetà Light Projects Limited;

Rat li s-socjetà Light Projects Limited giet notifikata bir-Rikors promotur u bl-Avviz tas-smigh bil-procedura ta' l-affissjoni u pubblikazzjoni ai termini ta' l-Artikolu 187(5) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta izda, naqset milli tipprezenta Risposta ghat-talbiet attrici u lanqas dehret ghas-seduti ffissati minn din il-Qorti;

Semghet ix-xhieda ta' Patrick Saliba, Direttur tas-socjetà attrici, moghtija waqt is-seduta tat-18 ta' Frar 2013, fejn ikkonferma li l-ammont mitlub bl-azzjoni odjerna ghadu dovut mis-socjeta' konvenuta;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza ;

**Ikkunsidrat :**

Bil-proceduri odjerni s-socjetà attrici tilob li s-socjetà konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta' €10,299.55, bilanc minn somma akbar, rapprezentanti prezz ta' servizzi ta' *freight, freight forwarding* u servizzi relatati ma' l-istess, minnha rezi fuq struzzjonijiet tas-socjetà konvenuta.

Ghalkemm is-socjetà konvenuta giet notifikata bir-Rikors promotur u bl-Avviz tas-smigh bil-procedura ta' l-affissjoni u pubblikazzjoni ai termini ta' l-Artikolu 187(5) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, hija naqset milli tressaq Risposta ghat-talbiet attrici u lanqas dehret ghas-seduti ffissati mill-Qorti.

Patrick Saliba, rapprezentant tas-socjetà attrici, ikkonferma bil-gurament[1] illi l-ammont mitlub ta' €10,299.55 ghadu dovut mis-socjetà konvenuta lis-socjetà attrici. Fic-cirkostanzi l-Qorti hija sodisfatta li t-talba attrici hija gustifikata u tisthoqq li tigi milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lis-socjetà konvenuta thallas lis-socjetà attrici s-somma €10,299.55, bl-imghax legali dekoribbli mill-25 ta' Jannar 2012, id-data tal-

[1] Seduta tat-18 ta' Frar 2013.

prezentata tar-Rikors promotur, sad-data ta’ l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju ipprezentat mar-Rikors promotur jibqghu a karigu tas-socjetà konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------